# Relazzjoni Pawlu Camilleri Cauchi u Sacro Cuor Sliema

Kav. Pawlu Camilleri Cauchi

Matul is-snin ta' bejn il-ħamsinijiet, kont nattendi fil-Kulleġġ Sant'Antnin fl-Imġarr, immexxi mill-Patrijiet Franġiskani ta' Ġieżu. Il-Kap tal-Iskola kien Patri Akkursju Xerri ofm. Fost l-għalliem kelli lil Patri Marjanu Vella ofm, Patri Tumas Scicluna ofm, Patri Nerik Cassar ofm, Patri Diegu (Honduras) ofm, Patri Hugh (Ugolin) Attard ofm, Patri Dijonisju Mintoff ofm u magħhom li kien il-Gwardjan tal-Kunvent Patri Kamillu Aquilina ofm. Dan li niftakar bħalissa. Fost l-istudenti tampari u kumpaniji kelli fosthom lil Patri Ġorġ Aquilina ofm, Alfred Sciberras ofm, Ġużepp Camilleri ofm (Basilju), it-tripolin, eċċ.

Fl-1960 dħalt għalliem tal-arti mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Dak iż-żmien konna nibqgħu l-ġimgħa kollha f'Malta. It-trasport kien ferm differenti mil-lum. Il-passiġġieri kollha, sew Għawdxin kif ukoll Maltin (Ħaddiema għaliex kulħadd kien jaqsam għax-xogħol u mhux għall-vaganzi). Għalhekk konna nidraw lil xulxin. Bejn nofs is-sittinijiet u l-aħħar tas-sittinijiet kont drajt ċertu Patri Franġiskan dejjem jinżel bil-mixi lejn il-vapur tas-sitta ta' filgħodu b'daqsxejn ta' bagalja f'idu u dejjem għalih waħdu. Għalkemm kien stazzjonat f'Għawdex kien jinħass li donnu *homesick*. Konna drajna lil xulxin bil-'Vista' u konna biss insellmu lil xulxin. Ġara li jien bdejt ukoll f'professjoni artistika tiegħi, mhux biss f'konnessjonijiet privati, iżda fil-knejjes, bħal f'Santa Luċija l-Belt, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ u tentattivi fir-Rabat f'Malta għamel l-istess patrijiet. Fil-festa t'Għajnsielem tal-1969, jien inżilt bħas-soltu ndur il-festi. Fuq iz-zuntier tal-Knisja l-antika, iltqajt ma' Patri Marjan u Patri Kamillu (li kien xi drabi Gwardjan Għawdex). Fraħna b'xulxin u wara ftit Patri Kamillu qalli, "Int meta ser tagħmlilna xi ħaġa?" U rrispondejtu ftit sorpriż (b'ferħa), "Int bis-serjetà qed tgħid?" u Patri Marjan komplija. Ftehmna li mmur u nitkellmu. Hekk ġara. Fit-taħditiet preliminari daħal ukoll il-Patri li kont naf fuq il-Vapur. Nirreferi għal



*Chev. Pawlu Camilleri Cauchi meta kien għadu żgħir fi żmien il-Kulleġġ ta' Sant'Antnin, L-Imġarr, Għawdex*




Patri Ġużepp Vella. Dawn kienu Triumverat li fuqu dar il-kumpless tax-xogħol kollu u sintendi b'approvazzjoni tal-awtoritajiet. (Provinċjal u Definituri).

Patri Ġużepp li kien ukoll sagristan maġġur, kien ħabbrieki u li ma jaqla' qalbu minn xejn. Malajr dħalna midħla ta' xulxin. Tant sirna kunfidenti, għaliex fehem dak li ridt mingħandu, li matul iż-żmien, ħadli l-mollijiet kollha ta' kull parti ta' fejn kellha tiġi l-pittura, kien dara jgħinni jwaħħal u jaqsam it-tila (fuq it-teknika li urejtu jien stess).

Peress li jiena dejjem ġlieda maż-żmien, biex inlaħħaq għall-festa ta' wara, ma kienx ikolli żmien niġi npoġġi kulma jkolli lest. Għalhekk sa xħin kont naħdem fuq ċertu xogħol, il-pendenti, kont nibgħathom flimkien mal-materjal u jwaħħalhom hu stess. Wieħed mill-episodji li żgur li nibqa' niftakar kien meta konna fil-kappellun ta' San Lawrenz u kont għadni kif lestejt il-pittura tal-arzella, Patri Kamillu kiteb poeżija lill-Madonna u tela' jbusha. Patri Ġużepp kien għadu fuq il-parti ta' fuq tal-armar. Jiena kont ħdejn it-tieqa bil-mistura f'idejja. Smajna ħsejjes fil-knisja ta' xi tfal jitkellmu. Kien hemm laqgħa tal-abbatini mill-Kan. Ġużepp Delia. Patri Kamillu ġera fuq l-armar biex jara x'kien ġara, għaliex il-knisja suppost kienet magħluqa. Ġara li dak il-ħin kienu diġà qed jinqalgħu l-imsiemer li qed jorbtu t-twavel. B'ħasda, waħda mit-twavel imxiet, daret għal rasha u waqgħet dritt għall-isfel u ġibdet lil Patri Kamillu magħha. B'miraklu, it-tonka ta' Patri Kamillu nfetħet u nqarset taħt minkbejh mat-twavel tal-ġnub. Waqt li Patri Ġużepp għajjat l-għajnuna tal-Madonna u fejn kien ma setax jgħin lilu nnifsu. Immedjatament, jien ġrejt u qbadt minn taħt abtu lil Patri Kamillu u ġbidtu 'l fuq. Xi żgħażagħ li kienu qed iżarmaw l-armar taw l-għajnuna fosthom, jekk niftakar sew kien hemm Mario Fenech.

Għandi ħafna memorji sbieħ u ta' diskussjonijiet flimkien, u kemm konna nieklu fil-kamra ta' ħdejn ir-refettorju, għaliex konna nkunu bil-ħwejjeġ tax-xogħol. Bħala apprezzament lejn dawn it-tliet figuri importanti fil-karriera tiegħi immortallizzajthom fil-pittura. Lil Patri Marjan, bħala Sant'Ivo maġenb waħda mit-twieqi tal-korsija u lil Patri Ġużepp u lil Patri Kamillu, daħħalthom bħala *helpers* fit-tieġ ta' Kana. Darba waqt l-ikla ta' nofsinhar flimkien mal-patrijiet, wieħed Patri ssoprendieni u qalli li fis-suġġett kelli żball oħxon. Patri Marjan tfantas u Patri Kamillu deher jinnervja. Ħarisna lejn xulxin. Staqsejt fejn. Wara li l-affari twalet ftit, dan il-Patri (li għamilha ċajta apposta biex jiġbed saqajn Patri Kamillu). Qalli li Kristu l-miraklu għamlu bl-ilma f'inbid, u mhux, kif nies qosra jkabbruhom u jtawluhom. Dan għaliex bħala figuri, skont il-proporzjon kelli nagħmilhom ftit ikbar minn normal minħabba l-għoli u biex jidhru sewwa minn isfel.

ALFIO PSAILA

*for all kinds of*
*Inside and Outside Plastering*

Mob: 9981 7161